Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 07/K7/2014**

**Introduzzjoni**

Is-Seba' Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Mark Causon u Charles Cesare u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kienu skuzata. **(Ara Dok. 1 u 2)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 06/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 06/K7/2014.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
10. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 06/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 06/K7/2014 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 06/K7/2014.

4.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 021-2014** - Laqgha tal-Bord ta' l-Ghazla dwar Tender 13/2013 u 01/2014 **(Dok. 3); Memo 022-2014** - Kwotazzjoni 03/2014 - Midalji u plakek komemorattivi **(Dok. 4); Memo 023-2014** - Kwotazzjoni ghal trasport **(Dok. 5)**; u **Memo 024-2014** - Lista ta' laqghat li saru 06/K7/14 u 07/K7/14 **(Dok. 6).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-7 u l-25 ta' Marzu 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/1086/14/I **06/03/2014** — Ittra minghand Transport Malta fejn baghtu applikazzjoni tas-Sinjura Susan Vella li toqghod 68, Triq Dun Amabile Sisner fejn applikat ghal reserved parking.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1086/14/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.03. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/1198/14/I **10/03/2014** — Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn b'referenza ghall-email li baghtu l-MEPA dwar il-local plan talab biex tkun diskussa fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1198/14/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-ideat tieghu u tal-Kunsillier Mark Causon kienu gew ikkomunikati lill-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-istess punti ser jigu migbura f'ittra wahda fil-granet li gejjien biex umbaghad tintbaghat lill-MEPA.

6.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1284/14/I** 12/03/2014 — Email minghand il-kumpanija Emcare360 fejn offrew li jaghmlu tahdida dwar is-sistema Telecare+ ghar-residenti fis-sala tal-Kunsill u dan minghajr hlas.

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1284/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din il-laqgha ghandha ssir fis-sala tal-Kunsill, fil-hinijiet ta' filghodu ghal kumdita` tal-komunita` anzjana ta' Pembroke.

6.09. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/1314/14/I** 14/03/2014 | Kwotazzjoni minghand Sports Experience ghall-provvista ta' midalji u mementos ghall-prezz ta' €502.75. |
| **46/1329/14/I** 14/03/2014 | Kwotazzjoni minghand Horace Enterprises Ltd. ghall-provvista ta' midalji u mementos ghall-prezz ta' €677.50. |
| **46/1360/14/I** 17/03/2014 | Kwotazzjoni minghand Marindex Limited ghall-provvista ta' midalji u mementos ghall-prezz ta' €463.50. |

6.11. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1314/14/I, 46/1329/14/I u 46/1360/14/I** il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Marindex Limited peress li hija l-irhas offerta kif ukoll li jekk ikun hemm bzonn aktar midalji u mementos isiru, kif jidher li ser ikun hemm.

6.12. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/1343/14/I** 14/03/2014<br>**46/1359/14/I** 17/03/2014<br>**46/1370/14/I** 17/03/2014<br>**46/1422/14/I** **20/03/2014** | Ittri minghand diversi residenti li joqghodu fi Triq l-Imhallef William Harding fejn qed joggezzjonaw ghall-proposta ta' TM biex parti mit-triq issir One Way. |

6.14. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1343/14/I, 46/1359/14/I, 46/1370/14/I u 46/1422/14/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill ghandu jinforma lil TM li ghad li l-Kunsill ipprova jimxi mad-direttivi moghtija lilu minn TM, ir-residenti tat-toroq imsemmija oggezzjonaw ghal dak propost ghal diversi ragunijiet, minn bil-miktub u uhud ohrajn permezz ta' telefonati li rcieva l-Kunsill. Ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jissuggerixxi li jitwal ic-centre strip b'mezzi aktar permanenti minn dawk li gew addottati s'issa sabiex il-manuvri tal-U-Turn jigu skoraggiti kemm jista` jkun, pero' oltre dan, ftit ikun ghad fadal soluzzjonijiet li jaf bihom il-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu jitlob lil TM sabiex tipproponi soluzzjonijiet alternattivi.

6.15. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/1354/14/I** 17/03/2014<br>**46/1462/14/I** 24/03/2014 | Email minghand is-sur Colin Caligari jinforma lill-Kunsill li l-materjal tas-sigar li kien iddepozitat off Triq Dun Amabile Sisner, kien tnehha. |

6.17. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1354/14/I u 46/1462/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba dan il-materjal issa jidher li tnehha definittivament jidher li ma hemmx skop ghall-azzjoni kriminali u ppropona li l-Kunsill jinforma lill-awtoritajiet b'dan. Il-kelliem irrimarka li jemmen li l-messagg wasal fejn kellu jasal.

6.18. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1394/14/I** 18/03/2014 Stima minghand Supreme Coaches ghall-provvista ta' trasport ghall-prezz ta' €165.00.

**46/1400/14/I** 18/03/2014 Stima minghand Paramount Garage ghall-provvista ta' trasport ghall-prezz ta' €106.20.

**46/1421/14/I** 20/03/2014 Stima minghand Garden of Eden Garage ghall-provvista ta' trasport ghall-prezz ta' €147.50.

**46/1461/14/I** 24/03/2014 Stima minghand Arthur & John Garage ghall-provvista ta' trasport ghall-prezz ta' €135.70.

**46/1498/14/I** 24/03/2014 Stima minghand Zarb Coaches Limied ghall-provvista ta' trasport ghall-prezz ta' €89.00.

**46/1500/14/I** 24/03/2014 Stima minghand Koptaco Coaches Limied ghall-provvista ta' trasport ghall-prezz ta' €118.00.

6.20. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1394/14/I, 46/1400/14/I, 46/1421/14/I, 46/1461/14/I, 46/1498/14/I u 46/1500/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Zarb Coaches abbazi li ghandhom l-irhas offerta.

6.21. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1475/14/I** 24/03/2014 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat titlob li jsiru double yellow lines fuq il-gnub ta' garaxx numru 13 fi Triq Dun Amabile Sisner.

6.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1475/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li kif sar fil-passat, il-Kunsill ghandu jitlob l-approvazzjoni ta' TM biex dawn isiru.

6.24. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1479/14/I** 24/03/2014 Kwotazzjoni minghand Dr. Mark Bugeja ghall-provvista ta' tabib ghal nhar il-Hadd 6 ta' April 2014 ghall-prezz ta' €80.00.

**46/1480/14/I** 24/03/2014 Kwotazzjoni minghand Malta Red Cross ghall-provvista ta' Ambulanza ghal nhar il-Hadd 6 ta' April 2014 ghall-prezz ta' €150.00.

**46/1481/14/I** 24/03/2014 Kwotazzjoni minghand General Cleaners Co. Ltd. ghall-provvista ta' mobile toilets ghal nhar il-Hadd 6 ta' April 2014 ghall-prezz ta' €147.50.

6.26. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/1479/14/I, 46/1480/14/I u 46/1481/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova dawn il-kwotazzjonijiet. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob servizz ta' Gwardjani Lokali biex jidderigu t-traffiku waqt il-girjiet li ser ikun hawn nhar il-Hadd 6 ta' April fit-toroq tal-lokal.

6.27. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/151514/I** 25/03/2014 Email minghand il-CM Raphael Carabott fejn b'referenza ghal-laqgha li saret mal-kuntrattur Christian Galea qed jirrakkomanda li **(1)** peress li lokalita' hi maqsuma f'hames zoni, kuljum fil-gimgha jkun imiss zona parikulari, b'eccezzjoni ghal xi toroq li jidhlu f'zoni biex isiru darbtejn fil-gimgha, qed jkun irrakkomandat li d-dispozizzjoni dwar is-servizz jkun

rivedut. Il-festi li jahbtu matul il-gimgha, is-servizz tal-knis jkun mahdum, jew nhar il-festa jew is-Sibt li jahbat wara l-festa, u **(2)** l-iskeda dwar il-qtugh tal-haxix tkun riveduta billi tnax-il Sibt fis-sena jkunu koncessi lil kuntrattur biex jaqta' haxix li jkun akkumula fejn xi fence, wicc tat-triq mhux asfaltat u hitan mhux imkahla sew. Dawn il-postijiet huma fost l-ohrajn, Triq San Patrizju, Triq ANZAC, Triq Burma, Triq Emanuel Decelis, Triq Fra Francesco Wizzino, Triq Luigi Rosato, Triq Tunis u Triq Manuel Buhagiar.

6.29. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/1515/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni bil-kundizzjoni li r-rapporti tal-CM ma jibqghux jindikaw zoni fejn hemm l-akkumulu ta' haxix f'liema eventwalita' l-Kunsill kontra qalbu jkollu jimxi b'mod iehor mal-kuntrattur.

6.30. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li f'Hamis ix-Xirka l-Kunsill ghandu jorganizza zjara f'Hal-Qormi u Haz-Zebbug fejn ir-residenti jigu mitluba jhallsu €2.00 biss ghat-trasport.

8.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 7 u 8)**

9.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kif ipprezentata bit-tnaqqis rakkomandat.

9.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10 Materji ohra.

10.01. Il-Kunsillier Mark Causon ghamel referenza ghar-rotta 205 fejn irrakkomanda li terga' tintbaghat reminder ohra lil TM.

10.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon informa lill-Kunsill li waqt il-laqgha tas-Sindki gew infurmata li l-iskejjel tal-Gvern inghataw informazzjoni dwar statistika ta' studenti li ghandhom bzonn ghajnuna fuq xi suggetti skolastici partikulari. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mal-Kap ta' l-Iskola Primarja

Kullegg Santa Klara biex il-Kunsill jesplora x'possibilita' t'ghajnuna jista' joffri l-Kunsill.

10.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jissuggerixxi lill-Kappillan biex jikkusidra li tigi organizzata speci ta' car boot sale fuq iz-zuntier tal-Knisja, fejn dawk interessata jigu assenjati posta minn fejn jinbieghu l-oggetti taghhom bi hlas, liema hlas ghandu jmur kollu ghal ghand entita' filantropika.

10.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill il-format li ser jintuza fuq il-midalji u l-mementos li ser jintuzaw fl-attivita' li ser issir f'April. **(Ara Dok 9)**

10.09. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fis-7.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 15 ta' April 2014 fil-5.30pm.

Avv. Dean Hili
*Sindku*

15/4/14
Kevin Borg
*Segretarju Ezekuttiv*